17 ta' Lulju, 1963.

**Imħallef:**

**Onor. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Grazio Mallia

*versus*

Anthony Pace et noe

**Danni — Responsabiltà — Negliġenza — Kontributorja — Kolliżjoni — Ammissjoni.**

*Meta ċ-ċitazzjoni tkun bażata fuq negliġenza u mhux fuq ammissjoni, tali ammissjoni, jekk tkun saret, sa tistax tittieħed in konsiderazzjoni fid-deċiżjoni tal-kawża. Każ ta' kolliżjoni fejn il-Qorti rriteniet li l-attur kien ikkontribwixxa għar-responsabiltà tal-inċident.*

Il-Qorti, rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Appell tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju, 1960, minn fejn jidher x'inhija t talba tal-attur u fejn ġie deċiż li għandhom jiġu annullati u mħassra s-sentenza ta' dina l-Qorti, diversament presjeduta tad-dsatax (19) ta' Frar, 1960, li ċaħdet l-eċċezzjoni tan-nullità relativa għan-notifika tal-att taċ-ċitazzjoni u għall-kapitoli opposti mill-konvenut u ġew miċħuda wkoll it-talbiet kontenuti fir-rikors tal-konvenut tat-tletin (30) ta' Jannar 1960 bl-ispejjeż kontra l-konvenut, kif ukoll is-sentenza ta' dina l-Qorti tad-dsatax (19) ta' Frar, 1960, fejn ġiet milqugħa t-talba tal-attur billi ġie dikjarat li l-konvenut kien responsabbli tal-kolliżjoni "de qua" u li wkoll laqgħet it-tieni talba attriċi u kkundannat lill-konvenut iħallas lill-attur in linea ta' danni s-somma ta' tliet mija u seba' liri, dsatax-il xelin u sold (£307 19.1) a saldu ta' dak li hemm speċifikat fid-

dokumenti esebiti u fil-kapitoli bl-imgħaxijiet kif mitluba għar-raġuni tar-rinunzja verbalizzata bla ma ħadet konjizzjoni ta' danni ulterjuri, bl-ispejjeż għall-konvenut, kif ukoll ħassret il-proċeduri kollha wara l-preżentata taċ-ċitazzjoni u ordnat li l-kawża ssir mill-ġdid fuq l-istess atti prevja notifika regolari lill-konvenut, inattesi l-proċeduri kollha li saru quddiem l-ewwel Qorti wara l-preżentata ta' dika ċ-ċitazzjoni u għal dana l-fini tordna li l-atti jiġu mibgħuta lura lil dina l-Qorti bl-ispejjeż kollha mingħajr taxxa barra mid-dritt tar-Reġistru li ġie deċiż li għandu jitħallas bin-nofs.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Pace u ta' Alfred Formosa nomine, intervenut fil-kawża li biha qalu li l-kolliżjoni ġrat ħtija tal-attur u għalhekk il-konvenut Pace għandu jiġi liberat bl-ispejjeż.

Rat id-dikjarazzjoni tal-persuni fuq imsemmija u n-nota tax-xhieda tagħhom.

Rat id-degriet ta' dina l-Qorti tal-erbatax (14) ta' Novembru, 1960 minn fejn jidher li ġie nominat perit legali sabiex ifittex igħid jekk il-konvenut huwiex jew le responsabbli tad-danni mitluba mill-attur u, f'każ affermativ jillikwida d-danni dovuti.

Rat il-verbal tas-seduti li żamm il-perit legali u r-relazzjoni tiegħu preżentata fit-tletin (30) ta' Mejju, 1963 u minnu maħlufa fis-sitta u għoxrin (26) ta' Ġunju, 1963.

Ħadet konjizzjoni tal-proċess;

Semgħat lill-Avukati;

Ikkunsidrat:

Mill-verbal tat-tlieta (3) ta' Lulju, 1963 jidher li l-kontendenti llimitaw l-azzjoni għal issa għall-kwistjoni biss tar-responsabilità tad-danni, salva r-riserva għall-likwidazzjoni tagħhom aktar tard.

Illi l-fatti a bażi tal-azzjoni odjerna huma dawna li sejrin jiġu relatati. Fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru, 1958, ġurnata tal-Ħadd, f'xi 2.30 p.m. saret kolliżjoni fuq Testaferrata Street, l-Imsida bejn il-karozza Triumph numru 13245, li kienet misjuqa mill-istanti, u l-karozza Morris numru 20325, li kienet misjuqa mill-konvenut, f'ġurnata meta kien hemm il-logħob tal-ballun fl-Empire Stadium u meta dika l-istess triq kienet ingumbrata b'ħafna vejkoli pparkjati fuq iż-żewġ naħat tat-triq. L-attur, li kien akkumpanjat minn Sabina Barbuto, kien mill-Imsida diritt lejn tas-Sliema mentri l-konvenut, li kien waħdu fil-waqt ta' l-inċident, kien ġej minn tas-Sliema f'dirizzjoni opposta għal dika tal-attur. Dika l-istess triq għandha ħotba u l-kolliżjoni ġrat fil-viċinanza jew kważi fuq dika l-istess ħotba tat-triq meta l-kontendenti ma setgħux jaraw lil xulxin imħabba ġjaċenza tat-triq u waqt li l-konvenut kien qiegħed jimmanuvra biex jaqbeż char-a-banc li kienet qiegħda tippreċedih. L-attur jammetti li kien miexi bi speed bejn it-30 u 35 mil fis-siegħa.

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn jingħad li l-attur issolleva fil-kors tas-smigħ tax-xhieda l-kwistjoni relativa għal allegata ammissjoni tal-konvenut, li dana jinnega.

Illi jingħad li l-kawżoli ta' l-att taċ-ċitazzjoni għandha, skond il-liġi, tiġi apposta fl-istess att promotorju tal-ġudizzju u mhux fid-dikjarazzjoni, li għandha tikkontjeni dikjarazzjoni ċara u dettaljata tal-fatti tal-każ li bihom ikun jaf l-instanti u l-ismijiet tax-xhieda li huwa jkollu intenzjoni jipproduċi b'dik-

jarazzjoni tal-prova li jkun irid jagħmel rispettivament bihom. Fil-każ in desamina fl-att taċ-ċitazzjoni l-attur jadduċi bħala kawżali li l-konvenut huwa responsabbli tal-kolliżjoni mħabba mprudenza, negliġenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti da parti tal-istess intimat u ma ġiebx il-quddiem il-kawżali tal-ammissjoni u per kwantu fid-dikjarazzjoni semma li ċ-ċitat għamillu diversi promessi u wegħdiet ta' pagament ebda prova "ad hoc" speċifikament ma saret, jekk setgħat issir finnuqqas ta' dika l-kawżali fl-att li l-proċedura trid li għandha ssir fih il-kawża jew causa petendi.

Illi, apparti dana li ntqal dina l-Qorti għar-raġunijiet li qal il-perit ġudizzjarju u li dina l-Qorti tagħmel tagħha tgħid li ammissjoni ċara u vera u proprja ma kienx hemm. taħt iċ-ċirkustanzi, mill-konvenut.

Ikkunsidrat:

Illi dwar ir-responsabilità tal-kolliżjoni dina l-Qorti hija tal-fehma li ż-żewġ kontendenti kkonkorrew għall-inċident però f'miżura differenti u fuq dina l-proporzjoni dina l-Qorti, wara matura riflessjoni, kif sejjer jingħad aktar tard, ma tħossiex dwar il-proporzjoni li tista' taqbel mal-perit ġudizzjarju.

Illi l-konvenut u l-attur stante l-ġjaċenza topografika tattriq u l-affluwenza tat-traffika fil-jum tal-inċident fuq dika t-triq, li jkabbar il-grad ta' prudenza li kienet meħtieġa fl-okkażjoni kellhom it-tnejn ikunu aktar kawti u diliġenti u per di più previġġenti l-għaliex fis-sewqan mhux biss meħtieġa li bniedem ikun jaf isuq imma li huwa jieħu kura li meta jsuq ikun priviġġenti għal daka li jista' jiltaqa' miegħu f'emerġenza.

Illi l-konvenut ħabat mal-karozza tal-attur meta huwa ħareġ minn wara char-a-banc li kienet mixja quddiemu. Huwa veru li l-konvenut qal li huwa ħabat meta kien għadu lanqas

laħaq ħareġ minn wara x-char-a-banc imma x-xhud Joseph Camilleri, li ma jidhirx li kellu interess, qal li meta saret il-ħabta l-konvenut kien qiegħed jissorpassa lil bus u kien wasal sa nofsu long side. Dana l-fatt akkompanjat mal-fatt l-ieħor li l-konvenut għamel daka s-sorpass meta l-viswali kienet mogħttija mill-ħotba tat-triq għat-traffiku li kien ġej mill-parti opposta juri nuqqas ta' prudenza mperdonabbli u grad ta' nuqqas ta' priviġenza għal daka t-traffiku li seta' jiltaqa' miegħu miexi mill-parti opposta. Barra minn dana max-x[illegible] tiegħu jokkupaw il-wiesa tat-triq kellu l-wiesa ta' karozza u l-wiesa tax-char-a-banc li kien qiegħed jissorpassa u l-wiesa tal-karozza tiegħu bl-interspazju tal-karozzi msemmija b'mod li *l-manuvra ta' bil-fors* saret *meta l-karozza tal-konvenut* kienet sporġuta sewwa għal nofs it-triq.

Illi kieku f'daka t-traffiku fuq triq li kellha kon[illegible] numru ta' karozzi pparkjati mħabba l-partita li kienet qegħda ssir fl-Empire Stadium il-konvenut ma għamilx daka s-sorpass *imma* baqa' jsegwi x-char-a-banc *il-ħabta in kwistjoni* ma saritx u per konsegwenza l-konvenut kellu r-responsabilità maġġuri f'din l-kolliżjoni.

Ikkunsidrat:

Illi però jingħad li anke l-attur ikkonkorra, għalkemm f'miżura iżgħar, fil-kolliżjoni in desamina. Infatti l-attur naqas billi:—

a) F'dika l-lokalità u b'daka l-affolament ta' traffiku ma kellux imexxi l-karozza bil-veloċità, minnu ammessa, ta' 30 jew 35 mil fis-siegħa li mhix permessa fl-abitat skond il-liġi u mhix suġġeribbli meta l-viżwali tiegħu mħabba l-ħotba tat-triq ma kienitx ċara, bla ma jipprevedi, kif kellu jipprevedi daka li seta' jiltaqa miegħu b'emerġenza wara li jirqeb il-ħotba

b) Fil-fatt in-naħa tax-xellug tiegħu l-attur kellu karozzi pparkjati u huwa kellu kwindi n-nofs tat-triq tiegħu aktar dejjaq b'mod li kellu jimxi aktar lejn nofs it-triq. Fuq dana l-pont l-attur qal li huwa kien miexi ċirka żewġ piedi u nofs 'il bogħod mill-karozzi li kienu pparkjati fuq ix-xellug tiegħu imma x-xhud tiegħu Sabina Barbuto li ma jistax ikollha l-interess li għandu l-attur u li kienet fil-karozza tiegħu xehdet li l-attur kien miexi ċirka erba' piedi 'l bogħod minn dawka l-karozzi, versjoni li dina l-Qorti hija aktar propensa taċċetta, u jekk bniedem jikkunsidra li normalment il-karozzi pparkjati ma jkunux perfettament kollha mkaxkra jew iħokku mal-limiti tal-bankina d-distanza lejn nofs it-triq, li fuqha kien miexi l-attur tiġi aktar ravviċinata.

ċ) Mill-mod kif ġiet wieqfa l-karozza tal-attur wara l-ħabta (u cioè quddiem tħares aktar lejn ix-xellug u wara lejn nofs it-triq) juri kemm hija aktar probabbli d-distanza ndikata mix-xhud Barbuto l-għaliex, kif osserva *tajjeb il-perit ġudizzjarju*, kieku l-karozza tal-attur kienet biss mixja żewġ piedi u nofs mill-karozzi pparkjati fuq ix-xellug tiegħu bid-dawra li sofriet il-karozza tal-attur imħabba l-ħabta kienet bil-quddiem taħbat ma xi karozza pparkjata l-għaliex wara l-kolliżjoni u kif il-karozzi tal-kontendenti kienu jinstabu qabel malpożizzjoni li fiha ġew, minn wara l-attur ma setax jgħaddi traffiku mentri minn wara l-konvenut *kompla jgħaddi traffiku* peress li l-karozzi kollidenti ġew f'nofs it-triq daka li juri li l-anqas l-attur ma kien miexi għal kollox fuq in-naħa tiegħu. Ma għandux jintnesa li l-attur kif ra l-karozza tal-konvenut ġejja għal fuqu qaleb fuq ix-xellug tiegħu dak li juri li 'l quddiem tiegħu kien aktar lejn il-lemin minn kif ġie "at rest" wara l-kolliżjoni.

Illi kwindi anki l-attur ikkonkorra f'miżura mill-konvenut għall-kolliżjoni.

Ikkunsidrat:

Illi wara li ħadet in konsiderazzjoni dana kollu l-Qorti tħoss li ma tistax taqbel mal-proporzjon ta' ħtija li wasal għaliha l-perit ġudizzjarju. Fil-ħsieb konsiderat ta' dina l-Qorti l-konvenut li kellu ħtija akbar kellu sebgħa minn għaxra (7/10) ħtija mentri l-attur ikkonkorra f'dika responsabilità fil-proporzjon ta' tlieta minn għaxra (3/10);

Għalhekk:

Taqta' u tiddeċiedi billi tiddikjara liż-żewġ kontendenti kkonkorrew għall-kolliżjoni msemmija fil-proporzjon ta' tlieta minn għaxra (3/10) l-attur u sebgħa minn għaxra (7/10) il-konvenut.

L-ispejjeż jitħallsu mill-kontendenti fil-proporzjon fuq stabilita rispettiva.

Il-kawża wara u jekk jgħaddi t-terminu tal-Appell bla ma jiġi interpost l-istess Appell tiġi rinvjata lill-perit sabiex jillikwida d-danni u l-istess tiġi differita għas-seduta tas-sbatax (17) ta' Ottubru, 1963 fid-9 a.m. għar-relazzjoni dwar il-likwidazzjoni tad-danni.